MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tat-12 ta' Ottubru, 2007

Citazzjoni Numru. 306/2003

**Vincent u Rita konjuġi Caruana**

***Versus***

**Frank u Joseph aħwa Caruana**

Din il-kawża hija dwar qsim ta’ wirt u ħlas ta’ legat, u nstemgħet flimkien ma’ kawża oħra, mibdija mill-konvenuti tallum kontra l-atturi tallum[1], għal-likwidazzjoni u l-ħlas ta’ sehem riżervat mill-wirt.
Iċ-ċitazzjoni tgħid illi l-attur u l-konvenuti huma wlied Andreana Caruana, li mietet fit-30 ta’ Diċembru 1990, u Emmanuele Caruana, li miet fis-16 ta’ Frar 2002. Il-wirt ta’ Andreana Caruana huwa regolat b’testment *unica charta* li sar fil-15 t’Ottubru 1977 fl-atti tan-Nutar Paul Pellegrini Petit, u l-wirt ta’ Emmanuele Caruana kien regolat kemm b’dak l-istess testment kif ukoll b’testment

1 Ċitazzjoni nru 974/2003.

ieħor tat-28 ta' Jannar 1994 fl-atti tan-Nutar Anthony Gatt. Il-werrieta, kemm ta' Emmanuele kif ukoll ta' Andreana, huma l-attur Vincent Caruana u ż-żewġ konvenuti f'ishma ndaqs.

Emmanuele Caruana ħalla wkoll b'legat lill-atturi appartament f'Casal Paola. Il-konvenuti ġew imsejħa biex jersqu għall-qasma tal-wirt u sabiex iqiegħdu lill-atturi fil-pussess tal-legat, iżda għalxejn. L-atturi għalhekk qegħdin jitolbu illi din il-qorti:

1. tillikwida l-komunjoni ta' l-akkwisti li kien hemm bejn Emmanuele u Andreana Caruana;
2. taqsam l-assi tal-komunjoni f'żewġ ishma ndaqs, u tassenja sehem lill-assi partikolari ta' Emmanuela u sehem lill-assi partikolari ta' Andreana;
3. tillikwida l-assi partikolari ta' Emmanuele u tgħid illi huwa magħmul minn sehmu tal-komunjoni u mill-beni l-oħra li jirriżultaw waqt is-smigħ;
4. tillikwida l-assi partikolari ta' Andreana u tgħid illi huwa magħmul minn sehemha tal-komunjoni u mill-beni l-oħra li jirriżultaw waqt is-smigħ;
5. taqsam l-assi ta' Emmanuele u ta' Andreana fi tliet ishma ndaqs, u tassenja sehem lil kull wieħed mill-partijiet aħwa Caruana;
6. tordna illi lill-atturi jingħata l-pussess tal-legat lilhom imħolli minn Emmanuele Caruana; u
7. taħtar nutar biex jirċievi u jippubblika l-att maħtieġ u taħtar kuraturi biex jidhru f'isem min jonqos li jersaq għall-pubblikazzjoni.

Qegħdin jitolbu wkoll l-ispejjeż tal-kawża.

Il-konvenuti resqu dawn l-eċċezzjonijiet:

1. il-kawża hija intempestiva għax huma ma ġewx imsejħa biex igħidu jekk jaċċettawx il-wirt ta' Emmanuele u dak ta' Andreana;
2. fil-fatt l-eċċipjenti irrinunzjaw għall-wirt ta' Emmanuele, u żammew il-jedd għas-sehem riżervat favur tagħhom, li qegħdin jitolbu l-likwidazzjoni u l-ħlas tiegħu f'kawża oħra kontra l-atturi tallum; għalhekk il-ħames talba ma tistax tintlaqa' safejn tolqot il-wirt ta' Emmanuele, u tista' tintlaqa' biss safejn tolqot is-sehem ta' Andreana, waqt illi s-sitt u s-seba' talbiet jiddependu mill-eżitu tal-kawża l-oħra; u

3. jaqblu ma’ l-ewwel erba’ talbiet, b’riżerva għad-differenzi bejn il-partijiet dwar il-konsistenza ta’ l-assi u dwar l-ispejjeż.

Ladarba, kif tgħid it-tieni eċċezzjoni, il-konvenuti irrinunzjaw għal sehemhom mill-wirt ta’ Emmanuele Caruana, u għalhekk l-attur waħdu sar werriet, ma hux il-każ li jsir il-qsim tal-wirt u l-ħlas tal-legat, waqt illi s-sehem riżervat lill-konvenuti kien il-meritu tal-kawża l-oħra msemmija fuq. Fadal biss mela li ssir il-likwidazzjoni u l-qsim tal-wirt ta’ Andreana.

Kif imfisser fis-sentenza li ngħatat illum stess fl-atti taċ-ċitazzjoni numru 974/2003 fl-ismijiet Frank Caruana *et versus* Vincent Caruana *et*, fil-komunjoni ta’ l-akkwisti bejn Emmanuele u Andreana Caruana kien hemm dawn il-beni:

- ħdax-il elf lira (Lm11,000) f’kont ta’ depożitu marbut numru X100044 ma’ *Mid-Med Bank*; u
- beni mobbli stmati li jiswew elf, tliet mija u ħamsa u tmenin lira (Lm1,385).

B’kollox għalhekk fil-komunjoni kien hemm daqskemm jiswew tnax-il elf tliet mija u ħamsa u tmenin lira (Lm12,385), u sehem Andreana jiġi n-nofs, jew sitt elef, mija u tnejn u disgħin lira u ħamsin ċenteżmu (Lm6,192.50). Ma nġibitx prova li kien hemm beni parafernali.

Il-qorti għalhekk taqta’ l-kawża billi tgħid illi l-wirt ta’ Andreana Caruana huwa magħmul minn nofs il-beni msemmija fuq li kienu tal-komunjoni ta’ l-akkwisti, u illi dan in-nofs jiswa sitt elef, mija u tnejn u disgħin lira u ħamsin ċenteżmu (Lm6,192.50).

Tordna illi s-somma ta’ ħdax-il elf lira (Lm11,000) li kienet f’kont ta’ depożitu marbut numru X100044 ma’ *Mid-Med Bank*, illum *HSBC Bank (Malta)*, flimkien ma’ l-imgħaxijiet li akkumulaw fuq dak il-kont, tinqasam fi tliet ishma ndaqs, u jiġi assenjat sehem lil kull wieħed mill-atturi u lill-konvenut Vincent Caruana.

Il-beni mobbli għandhom ukoll jinqasmu fi tliet ishma ndaqs u jiġi assenjat sehem lil kull wieħed mill-atturi u lill-konvenut Vincent Caruana, b’dan illi, jekk il-partijiet ma jaqblux dwar kif għandu jsir il-qsim sa tliet xhur millum, taħtar lill-A.I.Ċ. Godwin Abela sabiex jagħmel pjan ta’

qasma fi tliet ishma ndaqs (b'ekwiparazzjoni fi flus jekk meħtieġ), u l-ishma jiġu assenjati bix-xorti.
L-ispejjeż tal-kawża (u d-dritt tal-perit jekk ikun meħtieġ illi jsir il-pjan ta' qasma tal-ħwejjeġ mobbli) jnqasmu hekk: sehem minn tlieta (⅓) jħallsuh l-atturi, sehem minn tlieta (⅓) jħallsu l-konvenut Frank Caruana u s-sehem l-ieħor minn tlieta (⅓) jħallsu l-konvenut Joseph Caruana.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------